MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2011

Numru. 537/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Gech)**

**vs**

**Christian Vella, iben Joseph u Emanuela nee` Delia, imwieled Pieta` nhar l-1 t'Ottubru 1985, residenti 37, Sqaq Bormla, Bormla, ID card nr. 497685M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, barra mid-Detox Centre, Guardamangia fis-17 t'April 2009 u matul l-ahhar jiem qabel din id-data;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga methadone specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi jidher l-imputat illum ghandu hajja stabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------